MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 576/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Joseph Mary Mizzi (K.I. 671262M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija wiehed u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,151.25) skont prospetti hawn annessi u mmarkati Dok A, B u C liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni, numri tal-kontijiet AC40096874, 40113045 u 10121662 moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 28 ta’ Frar, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont t’ elf, mija wiehed u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,151.25) u bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------